MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1345/2002/1

**Felix Xerri.**

**v.**

**Beechwood Limited.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
“Premess illi l-attur huwa impjegat bħala *foreman / machine operator* mas-soċjeta` konvenuta;

“U premess illi fis-sitta (6) ta’ Marzu, elfejn u wieħed (2001), waqt li l-attur kien qiegħed fl-impjieg tas-soċjeta`

konvenuta fil-fabbrika ta’ l-istess soċjeta` ġewwa l-Marsa, seħħ inċident waqt li l-attur kien qiegħed jopera *router*;

“U premess illi b’riżultat dirett ta’ l-imsemmi inċident l-attur sofra diżabilita` permanenti u danni konsegwenzjali;

“U premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort, b’negliġenza, imperizja u nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjeta` konvenuta;

“U premess illi s-soċjeta` konvenuta ġiet interpellata, anke permezz ta’ ittra uffiċċjali, sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur iżda baqgħet inadempjenti;

Għaldaqstant, tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra nicessarja:

“1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għall-inċident li seħħ fis-6 ta’ Marzu, 2001, fuq deskritt, f’liema inċidenti l-attur sofra danni;

“2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-inċident imsemmi;

“3. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċċjali tal- ta’ Novembru, 2002, kontra s-soċjeta` konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 10) li in forza taghha eccepiet illi:

“1. L-ewwel talba tal-attur għandha tkun miċħuda stante li l-inċident *de quo* ma ġarax ħtija tas-soċjeta` konvenuta.

“2. It-tieni talba tal-attur għandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jiġu likwidati favur tiegħu.

"3. Isegwi għalhekk li anke t-tielet talba għandha tiġi riġettata stante li s-soċjeta` konvenuta m'għandhiex tkun kundannata tħallas danni lill-attur.

"4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru, 2006, li in forza taghha cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u laqghet l-ewwel talba attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu mas-soċjeta` konvenuta.

"Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-soċjeta` konvenuta meta ġara l-inċident li fih weġġa. L-inċident ġara meta l-attur kien qed jopera makkinarju msejjaħ *router*. Wara xi żmien ġie ċċertifikat mhux tajjeb għax-xogħol u għalhekk l-impjieg tiegħu mas-soċjeta` konvenuta ntemm.

"Il-soċjeta` m'hijiex qed tikkontesta kif ġara l-inċident iżda qed tgħid li l-inċident ma ġarax tort tagħha u għalhekk ma hemmx danni xi tħallas lill-attur.

"L-attur ippreżenta affidavit a fol 16 tal-proċess fejn spjega li l-għuda in kwistjoni jintrabat *b'tape* fejn jinxtgħel is-*switch* peress li ma tistax taħdem bis-*switch* magħfus u żżomm ix-xogħol li jkollok b'idejk. Huwa kompla qal illi; "*Kif rajt hekk jiena bqajt nipprova nixgħel is-switch mill-plakka li apparentement kienet diġa' on u ngħid illi f'daqqa waħda r-router beda jaħdem. Dan l-apparat normalment jiffunzjonna billi jdur tond u ngħid li dak il-ħin ġara hekk bil-konsegwenza li dan ħadli r-right index finger.*" Dam sentejn ma juzax subgħajh u għadu jbati jużah sallum. Għalkemm sa dakinhar li ppreżenta l-affidavit kien għadu jaħdem, ma baqax jagħmel l-istess xogħol għaliex ma jistax jerfa', speċjalment makkinarju tqil.

"Fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2004 xehed Godwin Ciantar li jaħdem mas-soċjeta` konvenuta li qal li ma rax l-inċident għaliex kien barra dak il-ħin. Madankollu spjega kif taħdem il-makna in kwistjoni u kkonferma l-eżistenza tat-*tape*. Qal li fuq ordni ta' l-imgħallem tiegħu, qala' l-makna wara l-inċident u sabha bla *brushes* jew ossija bil-*brushes* mikulin. Xehed ukoll Anthony Cuschieri, ħaddiem ieħor, li ra lill-attur iweġġa għalkemm l-inċident *ut sic* ma rahx. Ikkonferma li l-attur kien għadu qed jissettja l-makna u kien qed jarmaha għalih (ix-xhud). Fir-rigward tas-*switch* qal; "*Is-switch qiegħed bħala safety, meta tkun qed taħdem b'idejk. Hu mhux suppost jeħel nista' nifhem jien mal-mejda. Għamlulu t-tape biex jeħel mal-mejda, hu* (l-attur) *tefa' s-switch, mar imiss il-cutter ħa jara jekk ma jdurx minħabba l-bearing għax forsi kien iġġamjat il-bearing u fil-fatt xegħel. Mela hu ġie mingħalih minflok tefa' l-ieħor hux.*"

"Ix-xhud Noel Cachia, uffiċjal governattiv mid-dipartiment tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xgħol qal li ma sarx rapport dwar l-inċident da parti tas-soċjeta` konvenuta.

"L-attur ġie kontro-eżaminat fil-25 ta' Ottubru, 2004 u qal li kien ilu jaħdem dan ix-xogħol għal kwazi għoxrin (20) sena ma' ditti differenti u kien ilu ħdax (11) il-sena mas-soċjeta` konvenuta. Ma eskludix li seta' ħa żball billi għafas *switch* minflok ieħor b'riżultat li kien għadu għaddej il-kurrent u allura r-*router* xegħel.

"Emanuel Gatt, direttur tas-soċjeta` konvenuta xehed a fol 49 tal-proċess u spjega kif taħdem ir-*router* u xi kwalita' ta' *routers* għandhom fil-fabbrika. L-inċident ma rahx. Ċaħad meta ġie kontro-eżaminat li kien hemm xi *tape* idawwar il-makna. Ġie mtella mill-ġdid Noel Cachia li qal li mar il-fabbrika in kwistjoni ħafna drabi qabel l-inċident fuq *surprise visits*. Skond hu, il-makna in kwistjoni hija perikoluża u dejjem saħaq fuq id-diretturi tas-soċjeta` biex iħaddmu fuqhom nies ta' esperjenza. Kien mar ftit qabel l-inċident. Mistoqsi b'mod ġenerali qal li *router* hija makna sempliċi pero' tista' tkun perikoluża u li meta *switch* ikun illaxka ġie li jwaħħlu xi *tape*, pero' mhux suppost.

“Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet D’Anastasi vs Enemalta Corporation deċiża fit-28 ta’ Ġunju, 2005 qalet;

“”*Illum it-tendenza riċenti tal-Qrati tagħna, issa msaħħa wkoll minn leġislazzjoni iktar moderna u konsonanti maż-żminijiet hija li hemm kważi presunzjoni illi inċident industrijali jiġri għax ma kienx hemm a safe system of work.*

“”*Huwa facli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta’ sigurta, iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta’ min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda, ikun medd idejh għax-xogħol.*”

“Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deċiża fit-12 ta’ Jannar, 1983; “*Employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm perikolu u ma jieħu ebda passi biex jirrimedja għal dan, jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan, l-employer (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xogħol tagħhom ta’ kull jum.*”

“Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs. Alf Mizzi and Sons Limited deċiża fid-9 ta’ Ottubru, 2003; “*Min iħaddem għandu d-dover li jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta’ periklu u riskju għas-saħħa ta’ l-istess ħaddiem.*” *(Ara Bugeja vs Falzon deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta’ April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deciża fit-30 ta’ Mejju, 2002)*

“Sentenzi oħra ta’ l-istess opinjoni huma Galea vs Balzan - Qorti ta’ l-Appell - 26 ta’ Frar, 1993 u Agius vs Galea - Qorti tal-Kummerċ - 11 ta’ Lulju, 1989). Sentenza ricenti Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd - 27 ta’ Ġunju, 2006 –Ċit. 348/02TM) iċċitat l-awtur Whincup fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba’ prinċipji bażiċi f’każi simili u cioe`;

“*i. the employer must ensure that the employee knows the dangers;*

"*ii. the employer must ensure that the emplyee knows the precautions to be taken against these dangers;*

"*iii. the employer must ensure that the precautions are available;*

"*iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

"Huwa minnu li l-attur ma kienx qed juża xi makkinarju komplikat jew perikoluż minnu nnifsu, u hu minnu wkoll li kellu esperjenza biżżejjed biex iħaddmu. Il-Qorti pero' mill-kumpless tal-provi, tħoss li kemm l-attur u kemm ix-xhieda impjegati tas-soċjeta` konvenuta kienu qed jgħidu l-verita' fir-rigward tat-*tape* li kien qed idawwar is-*switch*. Dan waħdu ma ġabx l-inċident għaliex kif kien tħaddem mijiet ta' drabi u ma ġara xejn. Kif pero' sew irrimarkat il-Qorti fil-kawża <u>Schembri vs Caruana</u> min iħaddem irid iżomm quddiem għajnejh illi ġie li l-ħaddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u għalhekk għandu jkun hemm sistema biex dawn l-iżbalji ma jsirux. Huwa faċli llum għall-konvenuti jwaħħlu fl-attur għaliex ħa żball iżda ma jirriżultax li dan l-iżball ittieħed minħabba xi negliġenza grossa. Il-Qorti fil-waqt li taqbel ma' l-abbli difensur tal-konvenut fit-trattazjoni tiegħu fis-sens li ma teżistix prezunzjoni ta' responsabilita' ta' min iħaddem, tinnota li l-ġurisprudenza tagħna riesqa sew lejn *kwazi presunzjoni* ta' responsabilita' u hija biss fil-fehma tal-Qorti negliġenza grossa da parti tal-ħaddiem li teżenta lill-employer minn din ir-responsabilita'. Anke l-fatt li l-attur seta' għafas *switch* b'ieħor dak il-ħin kien riżultat tal-fatt li għal ftit ħin, il-makna ma startjatx, u dan ma jirriżultax li kien tort ta' l-attur. Anzi skond ix-xhud Ciantar, wara li huwa qala' l-makna sab li kienet bil-*brushes* mikulin, u meta bidilhom ħadmet mill-ewwel. Dan il-fatt ma ġiex kontradett."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha u tichad l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-qorti ta' prim istanza nhar il-11 ta' Dicembru, 2006, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti;

Semghat lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident fuq post tax-xoghol li fih korra l-attur. L-attur jahdem bhala mastrudaxxa u qabel ma sehh l-incident kien ilu jahdem f'dan il-qasam ghal disa' snin ma' diversi ditti, u hdax-il sena mas-socjeta` konvenuta li maghha kellu l-kariga ta' *foreman*. L-incident sehh waqt li l-attur kien qed jarma *cutter* fuq *router*, u kull darba li kien jipprova jixghelu, dan ma kienx qed jahdem. Hu pprova jixhel ir-*router* minn mal-hajt, pero`, milli jidher, ma rrealizzax li kien gia` xehel il-plakka ta' mal-hajt u kien ghaddej l-elettriku ghall-gor-*router*, u bi zball kien qed jixhel u jitfi switch iehor minn mal-hajt. Waqt li kien qed jixghel u jitfi dan is-*switch* ta' mal-hajt, ir-*router* kien ghadu mhux qed jahdem. Meta xeghel ir-*router* – ghax haseb li ma kienx ghaddej elettriku minn mal-hajt – dan qabad jahdem u hadlu r-*right index finger*. Is-*switch* tar-*router* trid tibqa' taghfsu biex jopera, pero`, fil-fabbrika, ghall-uzu prattiku tieghu, kienu jorbtu s-*switch* l-isfel b'*tape* biex il-haddiem ikun jista' jzomm ix-xoghol li jkollu f'idejh. Wara l-incident, il-kumpanija konvenuta ezaminat ir-*router* u sabet li kien bil-*brushes* mikulin, u meta bidilhom il-magna hadmet mill-ewwel.

L-ewwel Qorti, fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi, sabet li responsabbli ghall-incident kienet is-socjeta` konvenuta, ghax din ma hasbitx billi tipprovdi magna f'kondizzjoni tajba ghall-uzu u lanqas ma hasbet biex tikkawtela kontra l-periklu rizultat tar-rabta tas-*switch* bit-*tape* f'posizzjoni ta' "on".

Is-socjeta` konvenuta appellat ghax sostniet li l-incident sehh ghax l-attur aljena rasu u mar jistartja mis-*switch* il-hazin; l-attur, qed jigi sottomess, ma vverifikax liema *switch* kien qed jaghfas ghad li kien jaf ir-riskju involut meta tipprova thaddem *cutter* bil-kurrent “on”.

Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-matrerja, din il-Qorti tirribadixxi li, fil-waqt illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura “a safe environment” fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta’ ‘strict liability’ ta’ min ihaddem, u l-impjegat li jwegga’ fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b’responsabbilita` ta’ min ihaddem. Lanqas ma jista’ jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel Qorti, “kwazi prezunzjoni”, ta’ responsabbilita` ta’ min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga’ haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta’ nuqqas ta’ min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza *in subjecta materia*.

Issa fost dawn l-obbligi imposti fuq min ihaddem mill-gurisprudenza, huwa li jrid jahseb ukoll ghal xi aljenazzjoni tal-impjegati tieghu, u ma johloqx sitwazzjoni fejn tkun aktar facli ghall-haddiem li jwegga’ minhabba xi zball li jaghmel. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Grech v. Farrugia noe** deciza fis-7 ta’ Dicembru, 1994, huwa dmir ta’ min ihaddem li japprezza sew l-obbligu tieghu li jara li

“sakemm dan huwa possibbli, il-makkinarju ghandu jkun imhares b’mod li ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu jew qed jadoperah, anki meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita`. U dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali.”

F’din il-kawza saret riferenza ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti fil-kawza **Galea v. Balzan pro et noe**, deciza fis-26 ta’ Frar, 1993.

Hekk ukoll fil-kawza **Vella v. ST Micro electronics (Malta) Ltd.**, deciza mill-Prima Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru, 2003, gie osservat li fil-postijiet tax-xoghol ma tistax tafda ossia tassumi illi hadd ma hu ser ikollu mument ta’ nuqqas ta’ attenzjoni jew ta’ distrazzjoni, u trid tahseb minn qabel biex dak li jkun ta’ periklu tnehhih qabel ma jwegga’ xi hadd, u mhux wara.

F’dan il-kaz, ma jidhirx li s-socjeta` konvenuta wettqet dan l-obbligu. Ippermettiet li s-*switch* tar-*router* jinzamm f’posizzjoni ta’ “on” bit-*tape*, bir-rizultat li dan jibda jahdem hekk kif jinxtghel l-elettriku minn mal-hajt, sistema li hi perikoluza ghax tista’ tfisser li r-*router* jibda jahdem meta id il-haddiem ikun mhux fuq l-i*switch*, izda band’ohra – hdejn il-*cutter*!

Jirrizulta wkoll li l-magna in kwistjoni kienet difettuza, u ghahekk, ma bdietx tahdem mill-ewwel u bdiet timmissja, tant li kif il-brushes taghha inbiddlu, il-magna ma tatx aktar problemi. Is-socjeta` konvenuta tghid li kien dover tal-attur li jiccekkja l-magni, pero`, ma jirrizultax li kien dover tieghu li specifikament jara li l-magni jkunu in good working order. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Farrugia v. Marslalite Ltd.**, deciza fid-9 ta’ Dicembru, 2008, b’riferenza wkoll ghall-gurisprudenza anterjuri, huwa obbligu ta’ kull min ihaddem “illi perjodikament jivverifika l-kundizzjoni tal-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu”. Ma jirrizultax li dawn il-verifiki kienu jsiru f’dan il-kaz.

Hu veru li l-attur jidher li aljena rasu meta ma ndunax li l-elettriku tar-*router* kien mixghul u beda jixghel u jitfi *switch* iehor; pero`, l-incident ma kienx jigri li kieku l-magna ma kienetx difettuza, ghax malli kien jixhel is-*switch* ta’ mal-hajt, ir-*router* kien jibda jahdem. Fil-fatt, meta ra li ma hadimx, l-attur ha r-*router* f’idejh biex jara xi gralu u beda jixhel u jitfi s-*switch* (l-izbaljat) ta’ mal-hajt, sakemm,

eventwalment, ir-*router* startja (ghax il-*brushes* iddecidew li jiffunzjonaw) u hadlu subghajh. Ma jirrizultax li l-attur gie mgharraf li, f'kaz li magna ma tahdimx kellu jsejjah lit-tekniku u mhux jipprova "jbaghbas" hu, u ghall-argument tas-socjeta` konvenuta li kellu jkun jaf dak li hu ovvju, twiegeb din il-Qorti li fis-sentenza **Borg v. Wells noe**, minnha deciza fit-12 ta' Ottubru, 1983, qablet mal-principju li hu obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe system of work', b'mod li "he must take into account the fact that workmen became careless about risks involved in their daily work".

Fil-ktieb **Health and Safety Law: A Modern Guide** ta' Jeffrey Zindani (2002 Ed. Pagna 3) intqal hekk dwar din il-materja:
"Instead of imposing strict duties upon employers to ensure that accidents and diseases are reduced to the bare minimum, the UK courts have adopted a more relaxed approach preferring concepts based around "common sense" and "realism". This "common-sense" approach, which is reflected in numerous judgments, fails to take into account the economic and industrial reality of the workplace, where workers invariably have little control over the decisions concerning the work they are undertaking and may not know what is safe and what is unsafe. The House of Lords grasped this point almost 50 years ago.

"It is, I think, well known to employers … that their workpeople are very frequently, if not habitually, careless about the risks which their work may involve… Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in a position of an employer, be able to lay down a reasonably safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board room with the advice of experts. They have to make their decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition": per Lord Oaksey, *General Cleaning Contractors Ltd v Christmas* [1953] A.C. 180 at 189-90."

Din il-Qorti tara li l-veduta kif espressa mill-House of Lords fl-Ingilterra fil-kawza indikata, tirrifletti aktar ir-realta` tas-sitwazzjoni fuq il-lant tax-xoghol, u tirrfletti wkoll it-tendenza gurisprudenzjali taghna.

Dan ma jfissirx li l-impjegat huwa mehlus mill-obbligu tieghu sabiex jaghmel dak kollu mehtieg sabiex iwarrab il-possibilita` ta' incident ghalih u ghal dawk ta' madwaru, pero`, ma jirrizultax li l-attur ghandu tort ghal dak li sehh f'dan il-kaz, meta tqis li l-magna, meta nxtghelet, ma qabditx ghax kienet difettuza minhabba l-*brushes*. Fil-kawza **Sciberras v. Borg Cardona**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 1998, u li rriferiet ghaliha l-abli difensur tas-socjeta` konvenuta quddiem din il-Qorti, l-impjegat, li kien technician, instab responsabbli hu ghall-korriment tieghu meta pogga idu ma' parti perikoluza ta' magna. F'dak il-kaz, pero`, irrizulta li l-magna ma kellha ebda difett tekniku jew strutturali, u l-impjegat ma kienx qed jahdem fuq il-magna, izda bhala l-persuna responsabbli u istruwit fil-materja kien qed jaghmel il-manutenzjoni taghha. Ic-cirkostanzi tal-kaz prezenti huma differenti. Fil-kawza l-ohra indikata, **Ronald u Poliban Construction Ltd.**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2009, ic-cirkostanzi tal-kaz huma wkoll differenti, ghax f'dik il-kawza l-impjegat wegga' waqt li kien qed jipprova jinvolvi ruhu f'bicca xoghol li l-imghallem espressament qallu biex ma jibdiex qabel ma jigi hu biex jidderigih.

Lanqas ma jirrizulta li l-attur gie provdut bi lbies protettiv, specjalment ghal idu, meta tqis li l-haddiem ikun qed juza magna b'cutter veloci u qawwija. Din il-Qorti ma tarax li, kollox ma kollox, is-socjeta` konvenuta wettqet bid-debita attenzjoni d-dover taghha li tizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika tal-haddiema.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess

u tikkonferma s-sentenza appellata tal-11 ta’ Dicembru, 2006.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

L-atti ghandhom jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma’ l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------